**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jeffrey Scicluna]**

**vs**

**Ginka Sandeva**

**Kumpilazzjoni Numru: 698/19**

**Illum, 18 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ginka Sandeva detentrici tal-karta tal-identita` Bulgara numru 8511071499 akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru

l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati mal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar id-29 ta' Lulju 2019 bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar (10.00hrs – 12:00hrs) gewwa l-Istabbiliment Marks and Spencer fi Triq id-dejqa fil-Belt Valletta ikkommettiet serq ta' kartiera bi flus kontanti u diversi credit cards u dokumenti, ghad-detriment ta' Erak Snezana u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli nhar l-1 t'Awwissu 2019 bejn il-hdax ta' filghodu u s-siegha ta' wara nofsinhar (11:00hrs – 13:00hrs), fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' envelope bi flus kontanti ghad-detriment ta' Paula Montanaro u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu

(€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Innutat li l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha fi stadju bikri tal-proceduri u regghet ikkonfermat tali ammissjoni wara li hija nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha u kif ukoll wara li l-Qorti spjegatilha bi kliem car ir-riperkussjonijiet ta' tali ammissjoni u l-piena applikabbli ghar-reati li bihom hija addebitata.

Stante ammissjoni bikrija u stante li hija hallset lill-vittmi kollha, il-Qorti wara li rat l-Artikoli msemmija fl-akkuza u cioe' l-Art.

261(c), 267 u l-Art. 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Ginka Sandeva hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti u tikkundannaha ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**